



Brussell, 22 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5262/1/15
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0115 (NLE)

PECHE 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2014) 190 final
Suġġett:	Proposta għal-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe - <i>adozzjoni</i>

1. Fl-1 ta' April 2014 il-Kummissjoni Ewropea ressqet il-proposta ta' hawn fuq quddiem il-Kunsill. Il-proposta hija s-segwitu tan-negozjati għal Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma' São Tomé u Príncipe. Il-Protokoll preċedenti skada fit-12 ta' Mejju 2014.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd ikkonkluda l-eżami tal-proposta fit-8 ta' Mejju 2014. Id-delegazzjoni Franċiża fakkret li bħal fil-każ ta' Deċiżjonijiet oħra għall-konklużjoni ta' ftehim jew protokoll, il-bażi legali għandha tagħmel referenza għall-Artikolu 43 TFUE fl-intier tiegħu u mhux biss l-Artikolu 43(2). Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ħabbar li l-Kummissjoni ser tagħmel dikjarazzjoni dwar il-bidla fil-bażi legali. Il-Presidenza nnotat l-appoġġ tad-delegazzjonijiet għall-proposta b'bażi legali emendata.

3. Fid-19 ta' Mejju 2014 il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li jbidel l-bażi legali għall-"Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) TFUE". Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jiffirma l-Protokoll il-ġdid^[1], li japplika b'mod proviżorju minn meta ġie ffirmat fit-23 ta' Mejju 2014 skont l-Artikolu 14 tiegħu^[2].
4. Wara t-talba tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2014, il-Parlament Ewropew ta l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll, fit-13 ta' Jannar 2015.
5. Konsegwentement, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss:
 - a) jadotta d-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll il-ġdid kif jinsab fid-dokument 8585/14 PECHE 186 (kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti);
 - (b) idagħhal id-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota fil-minuti tas-sessjoni.

^[1] ara ĠU L 168 tas-7.6.2014, p. 1.

^[2] ara ĠU L 226 tat-30.7.2014, p. 1.